MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2013

Avviz Numru. 156/2013

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Joseph u Diana Susan mizzewgin Ellul Grech**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta` attrici li talbet lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitt elef u sitta u sebghin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€6,076.63), bilanc ghad-debitu fil-‘Loan Account’ taghhom mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “A1 sa A8”) flimkien ma’ l-imghax ultejruri mit-13 t’April, 2013 sad-data ta’ l-effettiv pagament, liema loan giet moghtija lil Joseph u Diana Susan mizzewgin Ellul Grech permezz ta’ skrittura privata datata 1 t’Ottubru, 1996 (Dok “B”).

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata

(Dok "B") partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Joseph u Diana Susan mizzewgin Ellul Grech (a) naqsu milli jhallsu l-pagament dovut lis-socjeta' mittenti kif stipulati fl-imsemmija skrittura, u (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuti iddekadew mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 7 ta' Dicembru 2011 (Dok "C") kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat li fis-seduta tat-18 ta' Novembru, 2013 il-konvenuti debitament notifikati naqsu li jidhru u lanqas ipprezentaw risposta

Rat li fl-istess seduta is-socjeta attrici pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuti.

Rat li fis-seduta tal-lum stess, il-konvenuti msejhin tlett darbiet naqsu li jidhru, ghalkemm debitament notifikati bil-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta` attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt elef u sitta u sebghin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€6,076.63), flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-13 t'April, 2013 sad-data ta' l-effettiv pagament, u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 7 ta' Dicembru 2011, kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------